MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tad-9 ta' Jannar, 2013

Avviz Numru. 302/2012

**Nutar Dottoressa Maria Rosa sive Rosella Sciberras**

**vs**

**Noel Joseph u Claudienne konjugi Sciberras**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ipprezentat fir-Registru ta' din il-Qorti nhar l-11 ta' Settembru 2012 li bih l-attrici talbet lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenuti jhallsuha s-somma ta' ghaxart elef Ewro (€10,000) rapprezentanti somma mislufa lilhom u li din trid tithallas lura lill-attrici skond l-anness dokument A u Dokument B annessi mar-rikors promotur. Illi minkejja diversi interpellazzjonijiet ghall-hlas, il-konvenuti baqghu inadempjenti u qatt ma hallsu dan l-ammont li ghandhom dovut.

Bl-ispejjez  u bl-imghax legali kontra l-konvenuti li huma ingunti in subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-konvenuti pprezentata fir-Registru ta' din il-Qorti nhar l-4 ta' Ottubru 2012 fejn eccepew:

*1. "Illi l-attrici offriet li tislef l-ammont mertu ta' dina l-kawza minghajr imghax lill-konvenut huha Noel Sciberras wara li huwa tilef l-assi u l-business tieghu fil-Libja fejn jahdem, minhabba l-gwerra civili u l-krizi kbira li kien hemm f'dan il-pajjiz, u l-ftehim bejn il-partijiet kien illi l-konvenut irodd lura dawn il-flus meta jkun jista' u meta jerga' jkollu l-mezzi biex jaghmel hekk. Madankollu, wara li nqalghu problemi bejn il-partijiet minhabba dizgwid dwar it-testment tad-defunta ommhom, l-attrici qabdet u fethet dina l-kawza bi tpattija u b'mod intempestiv. Ghalhekk l-azzjoni attrici hija intempestiva fil-ligi u dina l-Onorabbli Qorti ghandha tastjeni milli tiehu konjizzjoni taghha.*

*2. Illi l-konvenut qatt ma qal li mhux se jirrispetta l-ftehim bejn il-partijiet u lanqas ma nghata l-opportunita' li jwiegeb ghal xi interpellazzjoni billi ma saret ebda interpellazzjoni mill-attrici qabel ma nfethet dina l-kawza.*

*3. Illi fic-cirkostanzi l-attrici ghandha tbaghti l-ispejjez kollha tal-kawza billi l-kawza infethet intempestivament kif fuq premess.*

*Illi ghalhekk it-talba attrici kif dedotta ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-attrici.*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri."*

Semghet lill-attrici **Nutar Maria Rosa sive Rosella Sciberras** tixhed fil-21 ta' Novembru 2012 fejn iddikjarat li l-konvenut Noel Sciberras huwa huha. Qalet li darba minnhom huha kien mar id-dar ta' ommha u qalilha li kien sejjer il-Bank sabiex jaghmel loan. Qalet li dak il-hin ma qalet xejn izda wara xi hin mar lura u qalilhom li l-Bank ma kienx ser isellfu flus u ghalhekk staqsietu kemm kien bi hsiebu jissellef mill-bank u dan weghgibha li kellu bzonn is-somma ta' ghaxart elef Ewro (€10,000). Dak il-hin stess

qaltlu sabiex ma jikkonfondix u taghtu cekk ghal dak l-istess ammont. Qalet li ftehim ta’ meta kellha tithallas lura din is-somma ma kellhomx. Mistoqsi ghaliex kellu bzonn dawn il-flejjes qalet li huha kellu xi affarijiet mizmuma Tripoli u kellu bzonn dawn il-flus sabiex jghix u fil-fatt kien qalilha li anke il-cupboards tal-kcina kienu vojta u kien bi hsiebu jaghmel xirja. Mistoqsija jekk meta selfitu dawn il-flus kienux miggildin qalet li miggildin per se ma kienux pero’ kienu gja bit-tiketta minhabba xi okkazzjoni familjari li kienet grat f’Novembru 2010.

Qalet li hija hasbet li huha kien ser ikun ragel u jhallasha lura. Sussegwentement mietet ommhom u huha kien cemplilha u staqsiha meta kien sejjer id-dar sabiex jiehu l-affarijiet li kienet hallietlu ommhom. Ikkonfermat li llum il-gurnata hemm kwistjoni fuq il-wirt bejniethom. Hija kienet wegbitu li una volta jhallasha seta’ imur jiehu l-affarijiet li hallietlu ommhom. Dak il-hin weghgibha li huwa ma kellux jaghti xejn lil hadd u kien ghalhekk li pprezentat din il-kawza. Nel frattemp tghid li huha ma kellimhiex aktar.

Ikkonfermat li hija silfet il-flus lil huha f’dak i-zmien li kien hemm l-inkwiet il-Libja u huha kien *out of cash*. Qalet ukoll li kienet selfitu l-flus minn rajha meta l-Bank allegatament kien irrifjuta li jsellfu l-flus li xtaq. Huma qatt ma ftiehmu meta kellha tithallas lura ghalkemm l-intendiment kien li kellu jhallasha meta jkollu l-mezzi. Qalet li huha qatt ma offra sabiex ihallasha.

Il-konvenut **Noel Sciberras** xehed nhar il-21 ta’ Novembru 2012 u spjega illi huwa kien gie lura mil-Libja fit-23 ta’ Frar 2011, sitt ijiem wara li kienet bdiet il-gwerra u kien mar jara lill-ommu li kienet marida. Spjega li ohtu l-attrici kienet semghatu jitkellem fuq it-telephone u jghid li verament xtaq jiehu loan mill-Bank izda ma kienx ser jasal biex jiehdu peress li meta kien hemm il-Gwerra kien telaq u halla kollox warajh. Il-konvenut stqarr illi huwa kellu bzonn il-flus sabiex jghix. Meta ohtu semghatu jitkellem offriet li sselliflu l-flus hi stess u qal li fil-fatt ghall-ewwel kienet ser isellfu hames elef Ewro (€5,000) izda wara spiccat silfitu s-somma ta’ ghaxart elef Ewro (€10,000). Huwa kien offrielha li jaghmel tajjeb bil-proprjeta’ li kien

hallielu missierhom pero' hija ma ridietx u qaltlu li seta' jtihomla meta jkollu u jkun komdu.

In segwitu sar jaf li ohtu l-attrici kienet qed timmanipola l-wirt ta' ommhom u dan sabiex ommhom thalli l-post li kellha Wied il-Ghajn fuqha u fuq ohthom l-ohra. Huwa sostna li ohthom l-ohra ma accettatx sabiex ma jkunx hemm inkwiet bejniethom u hemmhekk splodiet il-gwerra ta' bejniethom. Qal li huwa in faccia qatt ma kellimha ghalkemm jghid li seta' kellimha tramite SMS. F'Novembru kellhom inkontru bil-ghan li ma jaslux il-Qorti u qal li jista jkun li dakinhar kien qallha li m'ghandu jaghtiha xejn. Ghalkemm jaf li l-flus mhumiex tieghu u lest li jhallasha lura meta jkun f'pozizzjoni li jaghmel hekk. Spjega li l-wirt li hallielu missieru jinsab fid-dar li tinsab taht il-kustodja taghha u m'ghandux access ghaliha u jghid li huwa ghandu jiehu ferm aktar milli ghandu jaghtiha. Stqarr li llum il-gurnata kemm hu kif ukoll ohthom Marika ghandhom claim kontra l-attrici ghal-legittima mill-wirt ta' ommhom.

Huwa ddikjara li ftehim dwar terminu ma kienx hemm sabiex irodd lura l-flus. Ohtu kienet qaltlu sabiex jaghtihomla lura meta jkun jista'. Mhux kontestat minnu li ohtu silfitu dawn il-flejjes indikati fil-fotokopja tac-cekk esebit a fol 14 tal-process. Ix-xhud tenna li darba minnhom meta kienu qed jiggieldu bejniethom ohtu qaltlu li xtaqet ukoll li tinghata l-imghaxijiet kummercjali. Qal li lil ohtu qatt ma qalilha meta ser ikun komdu ghaliex ma jkellimhiex.

Semghet lill-partijiet jitrattaw il-kawza fis-seduta tal-10 ta' Dicembru 2012 fejn awtorizzaw lill-Qorti tghaddi ghas-sentenza.

Ikkunsidrat.

Illi din hija kawza verament pjetuza bejn l-ahwa u l-fatti ma jidhrux li huma kontestati. Jidher li l-attrici minn rajha u mill-gentilezza taghha iddecidiet li ssellef xi flus lil huha u dan fl-ammont ta' ghaxart elef Ewro (€10,000) u dan ghaliex huha kien fil-bzonn wara li kienet faqqghet il-

Gwerra l-Libja u kien gie Malta fil-bzonn. Jidher li sa dak iz-zmien il-kontendenti kienu jiftiehmu bejniethom bhal ahwa. Jidher li zmien sabiex il-konvenut ihallasha lura din is-somma flus li silfitu nhar it-13 ta' April 2011 ma kienx hemm u d-diskors kien tali li l-konvenut seta' jhallasha lura meta huwa jirkupra xi ftit u jkun f'pozizzjoni li jhallasha.

Gara pero' li sfortunatament inqala' xi ntopp bejniethom fuq il-wirt ta' ommhom li mietet ftit wara li sar dan is-self u kien hemm xi dizgwid fil-wirt tant li l-ahwa spiccaw jikkustinjaw u hemm talba ghal-legittima min naha tal-konvenut u ta' ohtu l-ohra Marika fil-konfront ta' l-attrici. M'hemmx dubbju li minhabba dan id-dizgwid l-attrici rega' bdielha dwar is-self u issa trid li tithallas lura minnufih.

Mhux kontestat li s-self sar u dan fl-ammont ta' ghaxart elef Ewro (€10,000) u dan mill-attrici lill-konvenut u li dan is-self sar minghajr ftehim dwar l-imghax u minghajr ftehim dwar meta ghandu jithallas lura.

Ikkunsidrat ulterjorment.

Stabbilit il-premess, is-self in ezami ma jirrizultax minn xi volonta` tal-partijiet li kien wiehed gratuwitu izda pjuttost oneruz. Meta hu hekk is-self jassumi karattru ta' kuntratt bi pretensjonijiet korrispettivi. Dan minhabba l-obbligu tal-mutwatarju li jhallas lill-mutwant, bhala korrispettiv ghall-godiment koncess, l-interessi jew kumpens konvenut. Dan johrog car mid-dispost ta' l-**Artikolu 1842 u 1850 (1)** tal-Kodici Civili. Kif gja ntqal is-self hu kuntratt oneruz u allura hemm l-obbligu tar-restituzzjoni. Huwa wkoll kuntratt ghal zmien.

Issa f'dan il-kaz is-self mhux qed jigi kontestat ghalkemm l-konvenut qajjem l-eccezzjoni tal-intempestivita' billi japplika l-**Artikolu 1078 tal-Kap 16** tal-Ligijiet ta' Malta.

Dan l-artikolu jghid hekk:-

*"Jekk iz-zmien ghall-esekuzzjoni ta' l-obbligazzjoni jkun gie mholli fir-rieda tad-debitur, jew jekk ikun gie miftiehem illi d-debitur ghandu jesegwixxi l-obbligazzjoni meta' jkun*

*jista', jew meta huwa jkollu l-mezzi biex jesegwiha, ghandhom jitharsu r-regoli li gejjin:*

*(a) jekk l-obbligazzjoni ghandha bhala oggett taghha l-hlas ta' somma ta' flus, dik ghandha tigi esegwita fi zmien sentejn, jekk din is-somma ghandha tinghata minghajr imghax, jew fi zmien sitt snin jekk is-somma ghandha tinghata bl-imghax."*

Il-konvenuti qed isostnu li dan l-artikolu japplika ghal kaz taghhom u ghalhekk billi fil-ftehim li kellhom ma kienx hemm miftiehem xi imghax li ghandu jithallas bis-sena, l-obbligazzjoni li l-konvenuti jroddu lura l-kapital ghadha mhux esegwibbli u dan ghaliex tkun esegwibbli biss wara l-gheluq tas-sentejn mid-data tas-self u cioe' mit-13 ta' April 2011 u ghalhekk is-somma flus mislufa tkun dovuta lura l-ghada tat-13 ta' April 2013.

Kif inghad sewwa mill-Qorti ta' l-Appelli Sede Inferjuri fis-sentenza moghtija fl-ismijiet '**<u>Iris Dalmas vs Ronnie u Carmen konjugi German'</u>** deciza fis-16 ta' Marzu 2005 ***"****Dan iz-zmien jista' jkun miftiehem u jista' wkoll ma jkunx. F' din l-ahhar eventwalita` hu prezunt ex lege, bl-Artikolu 1078 accennat, illi meta z-zmien ikun gie mholli fir-rieda tad-debitur, jew jekk ikun gie miftiehem illi d-debitur ghandu jezegwixxi l-obbligazzjoni <u>meta jkun jista', jew meta huwa jkollu l-mezzi biex jezegwiha</u>, allura f' kaz bhal dan l-obbligazzjoni ghandha tigi esegwita zmien sentejn jekk is-somma mislufa ghandha tinghata minghajr imghax, jew fi zmien sitt snin jekk is-somma ghandha tinghata bl-imghax."*

B'referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appelli (sede Inferjuri) fl-ismijiet '**<u>Antonia u Maria ahwa Bartolo vs Anthony u Josephine konjugi Borg</u>',** deciza fit-23 ta' April 2001 fejn inghad li:

*"L-artikolu citat (u cioe' l-artikolu 1078 tal-kap 16) jitkellem car li t-termini tas-sentejn u ta' sitt snin ghal radd lura ta' flus mislufa, dipendenti minn jekk mhemmx jew hemm imghax stipulat, japplikaw limitatament fil-kazi meta z-zmien ghall-esekuzzjoni ta' l-obbligazzjoni tkun giet*

***imhollija fir-rieda tad-debitur,*** *jew jekk ikun gie miftiehem illi d-debitur* ***ghandu jezegwixxi l-obbligazzjoni meta jkun jista'*** *jew* ***meta huwa jkollu l-mezzi."***

Dan hu proprju l-kaz in ezami ghaliex l-attrici kienet bil-wisq gentili meta originarjament silfet il-flus lil huha l-konvenut u ftehmet mieghu li ghandha tithallas lura una volta huha jkun f'pozizzjoni li jhallas u fl-ebda hin ma rabtet is-self ma' xi terminu. Il-mument meta s-self kellu jithallas lura kien jiddependi biss u esklussivament fuq id-debitur u cioe' l-konvenut meta jghid li kien f'pozizzjoni li jhallas u ghalhekk zgur li jiskatta dak li hemm provist fl-Artikolu 1078 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghalkemm seta' kien il-kaz li darba minnhom fil-furja tal-mument jista' jkun li huha cahad li ghandu jaghti lill-ohtu l-attrici pero' ma jidhirx li huwa qatt kien ser icahhadha minnhom tant li minnufih u cioe' mal-eccezzjonijiet tieghu ammetta li kien issellef flus minghand l-attrici u li kien ser ihallasha lura meta jkun f'pozizzjoni li jaghmel hekk kif kien miftiehem bejniethom. Din il-Qorti kienet tistenna lill-attrici tinterpella lil huha b'mod gudizzjarju qabel ma pprezentat il-kawza. Ma hemmx dubbju li l-attrici agixxiet minhabba r-rabja li hija ghandha fil-konfront ta' huha minhabba l-kwistjoni li ghandhom bejniethom rizultanti minn nuqqas ta' qbil fuq il-wirt ta' ommhom.

Dwar il-kwistjoni ta' l-imghax li l-konvenut jghid li l-attrici kienet qed tippretendi, l-imghax fuq is-somma mislufa u dan ghaliex darba minnhom qaltlu li riedet ukoll imghax kummercjali mas-somma mislufa. Il-fatt li l-attrici darba minnhom waqt glieda talbet imghax kummercjali (u fil-fatt dan ma giex negat minnha) ma jfissirx li s-somma mislufa originarjament kienet giet hekk mislufa bl-imghax.

Huwa fatt illi waqt li jista' jkun kontestat illi l-imghax ma kienx dovut fuq is-self (ghaliex fil-fatt l-attrici qed titlob li tithallas lura bl-imghax fir-rikors promotur), ma jfissirx illi ebda mghax ma jista' jkun qatt dovut fuq dak l-istess self.

Ghall-iskop tad-dekorriment ta’ l-imghax hu mehtieg interpellazzjoni formali biex id-debitur jitqieghed in mora. Jigifieri, “*una interpellazione specifica pel pagamento dei lucri e non una semplice intimazione al debitore di eseguire la sua obbligazione*” (**Kollez. Vol. XVI P I p 84**);

**Ghalhekk, din il-Qorti filwaqt li tilqa’ l-eccezzjoni tal-konvenut tiddikjara li l-azzjoni hija wahda intempestiva u dan ghaliex it-talba mill-attrici saret qabel iz-zmien stipulat fl-Artikolu 1078 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta u ghalhekk filwaqt li tilqa’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut, qieghda tichad it-talba attrici.**

**L-ispejjez ta’ din l-istanza ghandhom jigu sopportati kollha mill-attrici.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------